MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 269/2014

**Mobisle Communications Limited**

**VS**

**Gilbert Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u tmintax-il ewro u wiehed u tletin centezmu (€818.31c) in konnessjoni ma’ 79935665 account number 40183072.

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni antecipata tal-kuntratt. Li interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 2379/2013 u bl-imghaxijiet mill-4 ta’ Ottubru 2013 - id-data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali.

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza ma’ l-avviz tat-talba mmarkat minn Dok.“A” sa Dok.“D”.

Ra illi ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat naqas milli jipprezenta risposta.

Sema’ ix-xieda ta’ l-istess konvenut li permezz taghha iddikjara li huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont indikat fl-Avviz tat-Talba.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ it-talba tas-Socjeta` attrici u qed jordna lill-konvenut illi jhallas lill-istess Socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u tmintax-il ewro u wiehed u tletin centezmu (€818.31c) bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez ikunu akkarigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------